**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 3 ta' Novembru, 2016

Rikors Kongunt Nru : 272/16 AL

**AB**
**VS**
**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors kongunt illi gie ikkonfermat bil-gurament miz-zewgt rikorrenti, li permezz tieghu ippremettew:

Illi l-partijiet zzewgu fl-24 ta' April 1992 skond l-anness certifikat taz-zwieg immarkat bhala Dokument A, u minn dan iz-zwieg twieldu zewg ulied, illum lkoll maggorenni.

Illi l-partijiet huma legalment separati b'kuntratt redatt minn Nutar Dottor Daniel Caruana datat 7 ta' Marzu 2016, kopja ta' dan il-kuntratt qiedgha tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dokument B;

Illi l-partijiet ilhom separati *de facto* sa minn April 2012, kif dikjarat fuq l-istess kuntratt ta' separazzjoni, u ma jezisti ebda

prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet, stante li minbarra t-trapass taz-zmien min meta l-partijiet ilhom separati, illum il-gurnata huma ghandhom hajja totalment separata u distinta minn xulxin;

Illi rigward manteniment, il-partijiet jiddikjaraw li ma tezisti l-ebda pretensjoni dwar dan;

Illi dawn il-fatti hawn fuq citati jissodisfaw il-kundizzjonijiet mehtiega ghal otteniment tad-divorzju ai termini ta' l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ghaldaqstant in vista tal-premess talbu li din il-Qorti joghgobha :

1. Tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet;
2. Tordna lid-Direttur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bl-eventwali divorzju, u dan sabiex jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tad-19 ta' Lulju, 2016;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvaw illi ilhom de facto separati minn April 2012 u legalment separati mis-7 ta' Marzu, 2016;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvaw ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.